MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## CAMILLERI GINO LL.D.

Seduta ta' 04 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 259/1995/1

**Prokuratur Legali Adrian Borg ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Mid-Med Bank Limited u b'nota tat-23 ta' Marzu 1998 il-bank attur gab a formali konjizzjoni ta' din il-Qorti li l-isem tal-istess bank attur gie mibdul ghal Mid-Med Bank p.l.c. u b'nota ohra tas-27 ta' Ottubru 1999 il-bank attur gab a formali konjizzjoni ta din il-Qorti li l-isem tal-istess bank attur rega gie mibdul ghal HSBC Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**1. Noelle Cilia**
**2. B'digriet tat-22 ta' Marzu, 1995, il-Qorti nnominat lill-Avukat Dottor Tonio Mallia u lill-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti Ernest Cilia u b'digriet tat-30 ta' Gunju 1995 Ernest Cilia assuma l-atti tal-kawza f'ismu proprju**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine ppremetta:-

Illi s-socjeta' attrici kkoncediet facilita' bankarja ta' overdraft lill-konvenut Ernest Cilia;

Illi l-ammont dovut jammonta ghal elf erba' mija u tnejn u disghin lira maltija tmintax il-centezmu u tlett millezmi (Lm1492.18,3) (Dok. A);

Illi l-konvenuta l-ohra Noelle Cilia hija mart il-konvenut l-iehor Ernest Cilia u ghalhekk kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejniethom;

Illi ghalkemm interpellati biex ihallsu (Dok. B) il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Ghalhekk l-attur nomine talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf erba' mija u tnejn u disghin lira maltija tmintax il-centezmu u tlett millezmi (Lm1492.18,3) dovuta ghal facilita' bankarja ta' "overdraft" koncessa lill-konvenut Ernest Cilia;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 16 ta' Novembru 1994 u bl-interessi bit-8% p.a. mit-22 ta' Settembru 1994 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti mil-lum ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Dr Tonio Mallia u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti Ernest Cilia fejn gie eccepit illi huma mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz, u ghalhekk jirriservaw li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri tal-kawza;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti kuraturi deputati debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Ernest Cilia fejn gie eccepit :-

1. Preliminarjament, in-nullita' tac-citazzjoni attrici billi din giet prezentata fi tlett Qrati differenti, u cioe, fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-Qorti tal-Kummerc, u fil-Qorti t'Ghawdex Superjuri;

2. Illi assolutament bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni preliminarja, l-attur nomine jrid jipprova dettalajtament u mhux b'semplici statement l-ammont minnu reklamat;

3. Illi ukoll bla pregudizzju ghall-eccezzjonijet sollevati, l-ammont li talvolta jista' jirrizulta dovut mhux dejn tieghu wahdu, izda dejn tal-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejnu u bejn martu Noelle Cilia nee' Spiteri;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Ernest Cilia debitament knfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Noelle Cilia fejn gie eccepit :-.

1. L-inkompetenza ta' din il-Qorti "ratione materiae" stante li l-eccipjenti mhix fin-negozju;

2. Illi l-eccipjenti, li tigi mart il-konvenut Ernest Cilia u li tinsab fi proceduri ta' separazzjoni personali, pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta, qatt ma kienet involuta u ma taf b'xejn fuq l-allegata facilita bankarja ta' "overdraft" u ghalhekk tirrimetti ruhha fuq il-provi processuali, salv id-debiti verifiki;

3. Illi mhux il-kaz li l-eccipjent giet xi darba interpellata biex thallas l-allegata somma imsemmija fic-citazzjoni, hlief bl-odjerni proceduri, u ghalhekk m'ghandhiex tbati spejjez gudizzjarji;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta Noelle Cilia debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur nomine;

Rat in-nota responsiva tal-konvenut;

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Marzu 1999;

Ikkonsidrat:

Il-bank attur jippretendi li l-konvenuti mizzewgin Cilia huma debituri tieghu fis-somma ta' elf erba' mija u tnejn u disghin liri maltin, tmintax il-centezmu u tlett millezmi (Lm1492.18,3) bilanc ta' somma akbar dovuta in konnessjoni ma facilita' bankarja ta' overdraft koncessa lill-konvenut Ernest Cilia. Il-bank attur jippretendi li l-konvenuta Noelle Cilia hi ukoll responsabbli ghal-hlas ta' dan l-ammont bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejnha u bejn zewgha. Jirrizulta li l-konvenuti zzewwgu f'Lulju 1987 u li hemm pendenti proceduri quddiem il-Qorti kompetenti ghas-separazzjoni personali taghhom;

Il-konvenut Ernest Cilia jeccepixxi fl-ewwel lok li din l-azzjoni hi nulla peress li l-bank attur ma specifikax f'liema Qorti kienet qed tigi presentata din ic-citazzjoni. Fit-tieni

lok jeccepixxi li l-bank attur ghandu jipprova dettalajtament l-ammont li hu effettivament dovut u fit-tielet lok li l-ammont eventwlament dovut ghandu jitqies bhala dejn tal-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejnu u bejn martu l-konvenuta l-ohra;

Da parti taghha l-konvenuta Noelle Cilia qed teccepixxi li din il-Qorti hi inkompetenti "ratione materiae" stante li l-eccipjenti mhix fin-negozju. Teccepixxi ukoll li hemm pendenti quddiem il-Qorti kompetenti proceduri ghas-separazzjoni minn zewgha l-konvenut l-iehor u hi qatt ma kienet involuta u ma taf b'xejn dwar allegata facilita' bankarja ta' "overdraft". Teccepixxi ukoll li hi qatt ma giet interpellata biex thallas is-somma talvolta dovuta u ghalhekk, fi kwalunkwe kaz, m'ghandhiex tbati spejjez gudizzjarji;

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-facilita' bankarja in kwestjoni giet koncessa mill-bank attur lill-konvenut meta dan kien ghadu guvni. Din il-facilita' nghatat lill-konvenut wahdu f'Mejju 1982. Fid-data taz-zwieg tal-konvenuti l-kont in kwestjoni kien "in debit" ghas-somma ta' ftit iktar minn Lm6. Wara z-zwieg fuq talba tal-konvenut il-facilita bankarja giet estiza sabiex ikunu jistghu jsiru u jithallsu xogholijiet fid-dar konjugali;

Jirrizulta li dan kollu sar mill-konvenut wahdu minnghajr ma kien hemm ebda intervent ta' ebda natura da parti tal-konvenuta l-mara tieghu. F'dan ir-rigward pero' l-konvenut jghid li l-konvenuta martu kienet taf b'kollox dwar il-kont in kwestjoni. Da parti taghha pero' l-konvenuta tghid li kien zewgha li kien jiehu hsieb il-kwestjonijiet kollha finanzjarji u tghid ukoll li ma kienet taf xejn dwar il-kont in kwestjoni. Fl-istess hin pero' il-konvenuta tammetti li xi kultant zewgha kien jghidilha xi haga dwar xi self. Hija tghid li kien hemm self varju minn diversi banek u ghalhekk kien difficli hafna li hi tkun taf x'kienet is-sitwazzjoni b'mod preciz. F'dawn ic-cirkostanzi ma jistax jigi eskluz li l-konvenuta kienet taf b'din il-facilita' anke in vista tal-fatt li

din l-istess facilita' giet estiza wara z-zwieg appuntu sabiex isiru xi xogholijiet fid-dar konjugali;

Kif gia gie rilevat il-konvenuta bl-ebda mod ma intervenit fl-operazzjonijiet bankarji in kwestjoni. Dan l-intervent tal-konvenuta pero' ma kienx rikjest mill-ligi. Ghalhekk meta gew estizi il-facilitajiet bankarji ma kien hemm ebda bzonn li b'xi mod tintervjeni l-mara. Is-sanction letter ghar-rigward ta' din l-estensjoni giet iffirmata b'mod regolari mill-konvenut biss. Peress li dak iz-zmien il-konvenuti kienu mizzewwgin u kienet esistenti l-komunjoni tal-akkwisti, z-zewg konjugi cioe z-zewg konvenuti saru responsabbli ghall-kont in kwestjoni. Dan kollu sar meta ma kienux ghadhom dahhlu fis-sehh l-emendi li sussegwentement kienu jirrikjedu ukoll il-firma tal-mara sabiex tintrabat il-komunjoni tal-akkwisti;

Fid-dawl ta' dana kollu jirrizulta sufficjetement li l-konvenuta hi ukoll responsabbli ghall-ammonti dovuti ghar-rigward tal-kont in kwestjoni;

Jirrizulta sufficjentement pruvat li fid-data tal-presentata ta' din ic-citazzjoni l-ammont dovut ghar-rigward tal-facilita' bankarja in kwestjoni kien dak indikat fl-istess citazzjoni u cioe Lm1,492.18,3. Il-konvenut stess jammetti li s-somma reklamata mill-bank attur fic-citazzjoni hi effettivament dovuta;

Jirrizulta inoltre li din ic-citazzjoni giet presentata fil-Qorti tal-Kummerc. Difatti dan hu indikat fid-dikjarazzjoni guramentata li l-bank attur ippresenta mac-citazzjoni. Jidher inoltre li din l-azzjoni giet appuntata mill-Qorti tal-Kummerc, li hadet hsieb ukoll il-proceduri relattivi ghall-hatra tal-kuraturi deputati. Ghalhekk ma tirrizulta ebda nullita ghar-rigward tal-Qorti fejn giet presentata din l-azzjoni. Barra minn hekk illum il-kompetenza li kienet tal-Qorti tal-Kummerc tvesti fil-Prim Awla tal-Qorti Civili u ghalhekk illum ma jista jkun hemm ebda kwestjoni ta' kompetenza "rationae materiae" bejn l-imsemmija Qorti tal-Kummerc u l-istess Prim'Awla tal-Qorti Civili;

In vista ta' dan kollu t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti fil-konfront taz-zewg konvenuti;

Ghal dawn il-motivi :-

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet kollha attrici u tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-bank attur is-somma ta' elf erba' mija u tnejn u disghin liri maltin u tmintax il-centezmu u tlett millezmi (Lm1492.18,3) dovuta in konnessjoni mal-facilita' bankarja ta' "overdraft" imsemmija fic-citazzjoni u dana bl-interessi kollha skond il-ligi mit-22 ta' Settembru 1994 sad-data tal-pagament effettiv;

Peress li jidher li l-konvenuta qatt ma giet interpellata sabiex thallas l-ammonti in kwestjoni, l-ispejjez koillha jithllsu mill-konvenut Ernest Cilia ad eccezzjoni tal-ispejjez tal-konvenuta li ghandhom jithallsu mill-bank attur.